KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 80**

**It-Tlieta 16 t'April 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier (online) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr | Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Persuna (1) waħda

**80.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**80.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.01.02** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tkun skużata minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.01.03** Il-Kunsillier Simon Buttigieg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.01.04** Rigward il-Kunsillier Carlo Stivala, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ma rċieva l-ebda komunikat.

**80.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 78 u Seduta 79)**

**80.02.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-minuti tal-laqgħat 78 u 79 lill-kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti tas-seduti 78 u 79.

**80.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti tal-laqgħa 78 ġew approvati unanimament.

**80.02.03** Fuq proponiment tal-Kunsilliera Maria Mifsud, u sekondata mill-Kunsillier Johann Borg, il-minuti tal-laqgħa 79 ġew approvati unanimament.

**80.03 Arising mill-minuti**

**80.03.01** Ma kien hemm xejn.

**80.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**80.04.01** *Żbir ta' siġar fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn ta' żbir ta' siġar fl-imsemmija triq. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: A, li tiswa €350. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.04.02** *Żbir ta' siġar fejn il-Housing Estate*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn ta' żbir ta' 6 siġriet taż-żebbuġ, 2 taċ-ċawsli u siġra tal-palm fejn il-Housing Estate. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: Ċ, li tiswa €531. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.04.03** *Żbir ta' siġar fil-ġnien biswit il-kappella ta' San Ġorġ*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn ta' żbir ta' siġar fil-ġnien biswit il-kappella ta' San Ġorġ. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba daħlu tnejn, iżda l-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li f'dik iż-żona hemm bżonn ta' tindif u qtugħ bil-grass cutter, u mhux żbir, għalhekk se jinġabru tliet kwotazzjonijiet oħra għal dan ix-xogħol.

**80.04.04** *Tisqija ta' pjanti tal-pots*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li trid issir tisqija ta' pjanti tal-pots li jinsabu fejn Alfresco, kif ukoll dawk il-pots bil-palm ġewwa

San Ġorġ. Hemm ukoll il-pots ta' quddiem Għar Dalam, dawk fi Triq Żarenu Dalli, ta' fejn il-knisja, dawk li jinsabu fuq is-central strip tal-Bajja s-Sabiħa, u dawk ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa (fejn il-monument ta' Bush u Gorbachev). Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: Ċ, li tiswa €70 għal kull darba li jinġieb il-bowser. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.04.05** _Servizzi ta' tiswijiet ta' kompjuters għar-residenti_: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li f'laqgħa preċedenti kien ġie maqbul li jinġabru kwotazzjonijiet għal dawn is-servizzi ta' tiswijiet, wara li l-Kunsill irċieva proposta minn ħanut tat-teknoloġija, fejn, imbagħad, wara li jinġabru l-kwotazzjonijiet kellha tittieħed deċiżjoni. Ġie maqbul mill-kunsilliera kollha preżenti li l-proċess se jieqaf hawn u s-servizz mhux se jiġi offrut.

**80.04.06** _Pajpijiet ta' San Ġorġ_: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn ta' pajpijiet ġewwa San Ġorġ sabiex ikun hemm iktar sapport għall-festun. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: B, li tiswa €1,017.53. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

*Fis-6pm ingħaqad Zak minn High Rocks Ltd, il-kuntrattur tal-bandli, f'telefonata bil-vidjow.*

**80.04.07** Huwa ta spjegazzjoni tal-materjal li ġie ssuġġerit għall-bandli ta' San Ġorġ. Semma wkoll li hemm garanzija ta' 10 snin fuq il-prodott. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa sabiex jintbagħtilna maintenance agreement bir-responsabbiltajiet kollha mniżżla. Wara diskussjoni libera bejn il-kunsilliera preżenti, xorta baqa' d-dubju dwar il-proposta tal-garanzija rigward il-materjal u għalhekk din trid tiġi diskussa iżjed fid-dettall wara li jkollna l-informazzjoni kollha. Dan qabel ma napprovaw dan ix-xiri.

## 80.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**80.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar pagament numru 21. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dak il-pagament kien dovut lill-kumpanija li ħadmet il-bibien tal-berġa, iżda din l-ispiża se tiġi rimborżata mill-Primary HealthCare.

**80.05.02** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li minn pagament numru 23 sa numru 25 hemm kunflitt t'interess billi hemm relazzjoni familjari.

**80.05.03** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar pagament numru 36. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dik kienet spiża relatata maċ-ċertifikazzjoni tal-bandli tax-xatt, però se tiġi rimborżata mill-kuntrattur.

**80.05.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li f'pagament numru 22 aktarx hemm il-kunjom ħażin. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li se jiċċekkja u jtiha risposta dwar dan.

**80.05.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar pagament numru 70. Il-Kunsilliera Maria Mifsud wieġbet li dak kien pot li nkiser kawża t'inċident bil-karozza.

**80.05.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar pagament numru 17. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li se jiċċekkja dwar dan u jibgħat ir-risposta b'iktar dettalji.

*Petty cash:*

**80.05.07** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, u sekondat mill-Kunsillier Johann Borg, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**80.06 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**80.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħol fil-ġnien f'Tal-Papa miexi b'ritmu tajjeb u li twaħħal l-apparat rikreattiv kollu. Qal ukoll li qed nistennew pjan tal-landscaping li se jsir fiż-żona min-naħa tal-Public Works. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi semma li ilu jsostni mal-istess entità li l-bankini jridu jsiru qabel ma jinfetaħ il-bandli. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-pjan huwa li dan jinfetaħ bejn l-ewwel u t-tieni ġimgħa ta' Mejju.

**80.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li hu u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellmu dwar l-ATMs li mhux jiffunzjonaw u qed ikunu ta' inkonvenjenza kbira għar-residenti. Huwa qal li kienet intbagħtet korrispondenza lill-banek lokali, fejn min-naħa tal-HSBC irċivejna li l-ATM li hemm bħalissa se timxi iktar 'il fuq minn fejn dik li hemm preżentement. Min-naħa tal-BOV kien hemm laqgħa mal-general manager fejn kien hemm qbil li tiżdied ATM oħra. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li min-naħa tiegħu se jkellem lill-perit tal-Kunsill ħalli titħejja proposta u jintbagħat kollox lil BOV.

**80.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kienet daħlet korrispondenza biex isir outdoor gym fix-xatt. Huwa qal li kien talab lil min bagħat il-korrispondenza sabiex jattendi għal-laqgħa iżda ma kienx hemm rispons.

**80.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar is-sistema tad-dranaġġ ta' Triq ix-xatt ta' San Ġorġ. Huwa qal li sal-llum għadna ma wasalna mkien. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li t-tender miexi.

**80.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-laqgħa li kien hemm ftit tas-sigħat qabel mal-MPT, fejn ġew mitkellma l-problemi li hemm bħalissa bit-trasport pubbliku fi Triq Ta' Feliċjan. Huwa spjega li l-MPT m'għandhiex ir-riżorsi u l-fondi biex tipprovdi shuttle service. Bħala pjan ġie suġġerit li min-naħa tal-Kunsill trid issir talba minnufih lil IM biex jindirizzaw in-nuqqasijiet li saru fi Triq Ta' Feliċjan kif ukoll Triq il-Port Hieles. Min-naħa tal-Kunsill trid issir laqgħa urġenti ma' IM u ma' MPT biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet infrastrutturali. Spjega wkoll li se ssir analiżi ġewwa Triq il-Port Hieles biex jaraw il-problema minn fejn ġejja. L-iskeda tar-rotot 82 u 82A kważi ġiet finalizzata li kull nofs siegħa tibda tgħaddi tal-linja u hemm ċans li tibda minn tlett ġimgħat oħra.

**80.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**80.07.01** Ma kien hemm xejn.

**80.08 Korrispondenza**

**80.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ġejna mitluba mid-Diviżjoni biex nimxu bl-istess proċedura fejn jidħlu permessi ta' karavans, billi skont l-avviż legali 136/2023 jerġgħu joħorġu l-permessi bejn l-1 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru. Is-sena l-oħra ngħata permess mill-Kunsill li jiġi utilizzat il-car park ta' Wied ix-Xoqqa. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li din is-sena jerġa' jiġi utilizzat l-istess post.

**80.09 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager**

**80.09.01** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit tat spjegazzjoni fuq ir-rapport tax-xogħlijiet. Hija qalet li qed nistennew il-verżjoni finali mingħand il-konsulent imqabbad mill-Kunsill sabiex ikun jista' jiġi ppubblikat it-tender tal-ġonna.

**80.09.02** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit qalet li l-għada tas-seduta se ssir laqgħa oħra t'evalwazzjoni taż-żewġ tenders li diġà ħarġu: tal-bulky kif ukoll tal-car park.

**80.09.03** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit qalet li jmiss li toħroġ sistema ta' stimi u kwotazzjonijiet għal professjonista tal-IT, kif ukoll it-tender taż-żamma tal-latrini li se jagħlaq f'Ottubru, u tender ieħor għall-qtugħ tal-ħaxix.

**80.09.04** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit qalet li trid tinġabar ukoll kwotazzjoni biex naraw il-problema tas-sistema tad-dranaġġ b'kamera ġewwa Wied il-Buni.

**80.09.05** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit qalet li fl-MOU li ntbagħat mill-Cleansing dwar it-tindif fit-toroq se jkun hemm xi tibdil. Did-darba se jkun għal 5 snin. Qalet ukoll li min-naħa tagħna żidna xi suġġerimenti biex jitjieb is-servizz u għalhekk issa nistennew li dawn jiġu aċċettati. Semmiet ukoll biex jiġi suġġerit servizz nhar ta' Ħadd ħalli jitnaddfu l-pjazza prinċipali, il-Bajja s-Sabiħa u kif ukoll ix-xatt. Il-Kunsill Lokali qabel ma' dan l-MOU.

**80.10 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**80.10.01** Il-Kunsillier Alex Caruana xtaq ikun jaf min huma l-ħaddiema tal-komunità li hemm mal-Kunsill bħalissa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġbu li hemm is-Sur Ray Vella (RSSL), is-Sur Francis Cassar, is-Sur Stephen Magro, is-Sur Vince McIntyre, is-Sur Raymond Cefai, is-Sur Stefano Buhagiar, is-Sur Daniel Cutajar, u s-Sinjura Mary Grace Farrugia.

**80.10.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud indirizzat mistoqsija lill-Kunsillier Alex Caruana kif se ssir ir-rampa ta' quddiem residenza fi Triq San Tumas mill-aktar fis, billi r-resident qed ibati ħafna. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li dil-ġimgħa stess sejjer jara hu.

**80.10.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li qed ikun hemm dewmien fil-ġbir tal-kwotazzjonijiet u minħabba f'hekk ċerti siġar ma jistgħux jinżabru bħalissa. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li l-kwotazzjoni għaddiet iktar kmieni fis-seduta.

**80.10.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet iż-żona ta' ħdejn Carina Mansions fi Triq il-Port Ħieles u li hemm bżonn niktbu lill-Awtorità tal-Artijiet ħabba l-ħmieġ li qed ikun hemm. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li diġà sar xi tindif min-naħa tal-ħaddiema tagħna imma hemm bżonn li din iż-żona titnaddaf sew. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li min bena hemmhekk għandu jkun responsabbli. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jsir rapport lill-Awtorità tal-Ippjanar.

**80.10.05** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li l-bollards ta' Triq iż-Żurrieq qed joħolqu inkonvenjent kbir. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-problema hija li qed ikun hemm double parking 'il fuq mill-bollards. Huwa semma li jridu jinżebgħu l-kaxxi. Il-Kunsillier Alex Caruana ssuġġerixxa li fejn hemm il-bollards tinżebagħ linja dritta.

**80.10.06** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet jekk il-parkeġġ tal-blue badge holder fi Triq id-Duluri jistax isir xi mkien ieħor. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kien hemm talba mingħand residenti minn dik l-akkwata peress li l-parkeġġ komunali li kien hemm qalbuh għal personalizzat u għalhekk hi spiċċaw mingħajr parkeġġ komunali u talbet biex jerġa' jsir parkeġġ ieħor viċin tagħha. U dan sar hemm. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li se jieħu nota ta' dawk il-parkeġġi riservati li kellhom isiru u se jikkuntattja lil Transport Malta. Ġie deċiż li dan il-parkeġġ jibqa' fejn hu. Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka wkoll li ntbagħtet korrispondenza fuq iż-żewġ un/loading bays fi Triq Żarenu Dalli.

**80.10.07** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet il-bżonn li titnaddaf iż-żona tal-gvern fi Triq l-Għannejja għax il-ħaxix nixef u qiegħed ta' periklu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li issa se tiġi skedata max-xogħlijiet.

**80.11 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv**

**80.11.01** Ma kien hemm xejn.

**80.12 Quarterly Report (Jannar-Marzu 2024)**

**80.12.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni dwar il-quarterly report (Jannar-Marzu 2024).

*Dħul:*

| | |
|---|---|
| Dħul mill-Gvern Ċentrali: | €254,398 |
| Dħul mill-permessi: | €11,474 |
| 10% administration fee tal-LESA: | €1,536 |

*Infiq:*

| | |
|---|---|
| Pagi u onorarji | €73,027 |
| Infiq għall-operazzjoni u manutenzjoni | €129,130 |
| Spejjeż amministrattivi | €28,281 |
| Spejjeż kapitali | €63,524 |

Il-Financial Statement Indicator (FSI) tal-Kunsill huwa dak ta' 78%.

Il-quarterly report li jkopri Jannar-Marzu 2024 ġie approvat mill-kunsilliera kollha preżenti.

**80.13 Audited Financial Statements 2023**

**80.13.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff spjegat li ma kienx hemm aġġustamenti u l-figuri baqgħu kollha l-istess.

L-audited financial statements 2023 ġew approvati unanimament.

**80.14 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi**

**80.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Birżebbuġa Aquatics Sports Club għandhom un/loading bay f'Dawret il-Qalb Imqaddsa. Dawn kienu avviċinawna minħabba li kienu qed jitħallew ipparkjati l-karozzi fuq il-bays tagħhom u meta jiġi l-bowser biex iżid l-ilma, ma kienx qed isib fejn jipparkja. Transport Malta qed jawtorizzaw lill-klabb biex iwaħħal bollards fil-ħin tal-un/loading bay. Il-Kunsill Lokali qabel li trid tintbagħat ittra uffiċjali mill-Kunsill lil Transport Malta biex tiġi ċċarata r-responsabbiltà ta' dawn il-bollards f'każ ta' inċident jew anke serq. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li jkun ferm aħjar li lil Transport Malta ninfurmawhom li l-Kunsill mhux se jerfa' responsabbiltà.

**80.14.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet għal parkeġġ komunali fi Triq Mikiel Abela għax m'hemmx. Il-kunsilliera preżenti qablu li napplikaw għalih.

**80.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-aħħar seduta kien ġie diskuss li jiżdiedu l-elevated road humps biż-zebra crossings ta' Dawret il-Qalb Imqaddsa. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kellem lill-perit u dan bagħtilna s-site plan ta' fejn ħa jitpoġġew. B'kollox se jkun hemm tliet humped zebra crossings, kif issuġġerew Transport Malta. Jonqos issa li din tgħaddi għand Transport Malta għall-approvazzjoni.

**80.14.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li Triq id-Daqqaqa ssir two-way. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-proposta u se tgħaddi għand Transport Malta.

**80.14.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet applikazzjoni għal un/loading bay quddiem ħanut fi Triq il-Folklor. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din it-talba.

**80.14.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li sid ta' restorant ġewwa l-Qajjenza qalilha li kellem lis-Sindku Scott Camilleri biex napplikawlu għal taraġ ħalli jkun hemm iktar aċċess għall-baħar. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ma jsibx oġġezzjoni però se jiġu ħafna turġien fejn xulxin. Huwa semma wkoll li ż-żewġ rampi diġà qegħdin viċin xulxin. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li jsir taraġ ieħor.

**80.14.07** Il-Kunsillier Alex Caruana semma biex issir laqgħa urġenti mal-periti tal-proġett Siċċa, sabiex jiġi diskuss l-aħjar mod biex issir is-slipway. Is-Sindku Scott Camilleri talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat jieħu nota ħalli ssir laqgħa.

**80.14.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li resident kien kellem lis-Sindku Scott Camilleri fuq ħajt li qed jaqa' fi Triq Tal-Papa, biex dan jitranġa. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li kienet intbagħtet rikjesta lill-Public Works madwar sena u nofs ilu. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li rikjesta b'email mhux qed tiġi aċċettata minn din l-entità, iżda trid tintbagħat rikjesta bis-sistema l-ġdida. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jerġa' japplika huwa stess bis-sistema l-ġdida.

## 80.15 Proġetti u skemi

**80.15.01** Ma kien hemm xejn.

## 80.16 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**80.16.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li daħlulha diversi rapporti fuq it-triq ta' Hal Far li qed joħroġ ħafna ilma quddiem kumpanija tal-asfaltar u anke kien hemm mutur li skiddja. Xi ħadd qalilha li l-ilma ħiereġ minn quddiem il-kumpanija ta' Schembri. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm korrispondenza fejn xi ħadd diġà rrapporta dan lil Transport Malta. Huwa ssuġġerixxa li jintbagħat ukoll rapport min-naħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat issuġġerixxa li ninfurmaw lil tas-sanità wkoll.

**80.16.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li rat xi tabelli tal-BBQ u tabella tal-persuni b'diżabilità, li hemm San Ġorġ, li jridu jinbidlu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li meta jkun hemm issues bħal dawn fuq tabelli m'hemmx għalfejn jitilgħu seduta ħalli ma jkunx hemm dewmien bla bżonn.

**80.16.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li dwar il-ħamiem ġab dikjarazzjoni mill-ministeru li dawn mhuma xejn ħlief mard. Qal li meta kien għaddej il-proċess tal-qbid tagħhom bit-trabokki, dan kien meqjus bħala att legali. Huwa qal ukoll li ċċekkja mal-BirdLife Malta dwar il-proċedura min-naħa tagħhom u dawn ikkonfermaw ukoll li apparti l-mard li jġorru, dawn jiddisturbaw għasafar oħra f'dik iż-żona. Is-Sindku Scott Camilleri se jagħmel kuntatt mal-persuna li kienet taqbadhom bit-trabokki sabiex jibda l-proċess tat-tneħħija tal-ħamiem.

## 80.17 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**80.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li dil-ġimgħa kellha laqgħa mal-FSWS u ġie deċiż li f'Lulju ssir attività msemmija Jum id-Diversità: attività fejn jinġabru l-kulturi diversi li hemm fil-lokal u dawn jagħmlu xi ħaġa tradizzjonali tagħhom bħal isajru l-ikel tradizzjonali, żfin, etċ. Din se ssir ix-xatt.

## 80.18 Affarijiet oħra

**80.18.01** Ma kien hemm xejn.

## 80.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**80.19.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 14 ta' Mejju 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |